MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 105/2005

**Julian u Doris mizzewgin Borg**

**Vs**

**Lorraine Mary Perici**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-istanti ikkonceda b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-appartament numru erbgha (4) tal-blokk Brothers Flats, minghajr numru, Triq Birkirkara, San Gwann, ghal zmien wiehed u ghoxrin sena dekorribbli mill-1 ta' Marzu 1979, bic-cens pagabbli kull sena bil-quddiem;

Illi b'kuntratt tal-11 ta' Mejju 1989 l-enfitewta cediet l-utili dominju temporanja lill-konvenuta ghaz-zmien li kien fadal u fl-istess hin l-istanti ipproroga u estenda t-terminu ta' l-enfitewsi sat-28 ta' Frar 2010, b'cens skalat ta' Lm275 fis-sena ghall-ewwel erba' snin, Lm250 ghas-seba' snin sussegwenti, u Lm350 ghall-ahhar ghaxar snin;

Illi l-konvenuta hija moruza fil-hlas tac-cens ghas-snin bil-quddiem mill-1 ta' Marzu 1999 sallum, li jammontaw ghal elfejn u hamsa u ghoxrin lira (Lm2,025), kif ukoll ma hallsitx sitta u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (lm46.25) ghal hlas ta' sehemha ta' manutenzjoni ta' l-istess fond;

Illi l-istanti ghandu dritt ghax-xoljiment ta' l-enfitewsi ghaz-zmien li fadal u ghar-reversjoni immedjata favur tieghu ta' l-appartament fuq imsemmi stante li dik il-morsita' teccedi somma ta' tliet snin cens (artikolu 1517 tal-Kapitlu 16);

Talbu illi din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet ta' l-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitlu 12;

2. Tiddikjara li l-konvenuta dekaduta mid-drittijiet ta' enfitewta temporanja tal-flat numru 4 ta' Block Brothers Flats, minghajr numru, Triq Birkirkara, San Gwann, stante r-risoluzzjoni ta' l-enfitewsi fuq imfissra ghat-termini ta' l-artikolu 1517 tal-Kapitlu 16;

3. Tordna x-xoljiment ta' l-istess enfitewsi temporanja li saret bil-kuntratt tal-11 ta' Mejju 1989 ghaz-zmien li fadal mill-koncessjoni;

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur elfejn u hamsa u ghoxrin lira (Lm2,025) arretrat ta' cens kif ukoll id-danni ghall-okkupazzjoni sa l-izgumbrament.

Bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza ta' cens u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' April 2000 u 14 ta' Marzu 2001, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attur u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuta baqghet ma dehritx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------